# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D

**Il-Pulizija**

**vs**

**Daniel-Joe Meli**

Sentenza fuq talba ghar-rikuza tal-Imhallef li qed jippresjedi l-appell:

Illum 30 ta' Lulju, 2025

Il-Qorti;

Rat ir-rikors urgenti tal-Avukat Generali prezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Lulju 2025 li bih talab ir-rikuza tal-Imhallef li qed jippresjedi l-appell fl-ismijiet premessi;

Rat l-oggezzjoni mressqa mid-difensuri tal-estradant kif verbalizzata fl-udjenza tad-29 ta' Lulju, 2025;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat:**

**Fatti:**

1. Fil-mori tal-appell fl-ismijiet premessi, l-appell thalla ghas-sottomissjonijiet finali u verbali ghall-udjenza tas-7 ta' Lulju 2025. Gara izda, li dik l-udjenza kienet differita b'ordni tal-Qorti ghat-22 ta' Lulju, 2025 u sussegwent differita ghal-25 ta' Lulju minhabba ndisposizzjoni tal-Imhallef sottofirmat. Fl-udjenza tal-25 ta' Lulju, l-Qorti bdiet taqra s-sentenza fil-mertu u appena lisnet l-ewwel zewg linji l-avukati mill-ufficcju tal-Avukat Generali minnufih gibdu l-attenzjoni tal-Qorti illi l-appell kien differit ghas-sottomissjonijiet u mhux ghas-sentenza. Wara li saru l-verifiki mal-verbali tal-kawza, rrizulta li l-Avukat Generali kellu ragun u b'hekk il-Qorti stiednet lill-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet finali taghhom bl-Avukat Generali segwit mid-difiza bir-repliki rispettivi. Wara s-sottimissjoni, l-appell thalla ghas-sentenza ghad-29 ta' Lulju, 2025;

2. Jum qabel l-ghoti tas-sentenza, l-Avukat Generali ressaq ir-rikors mertu ta' din is-sentenza liema rikors hadet konjizzjoni tieghu l-Qorti fil-jum li fih kellha tinghata s-sentenza;

**Ikkunsidrat ukoll:**

3. Illi l-Avukat Generali qed jitlob ir-rikuza tal-Imhallef sottofirmat ghar-raguni illi l-fatt li l-Qorti kienet bdiet taqra s-sentenza juri li kienet iddecidiet il-vertenza li ghandha

quddiemha qabel ma semghet dak li kellhom x'jghidu l-partijiet u li "*sabiex ikun hemm serhan il-mohh u fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja , galadarba qabel ma semghet lill-partijiet jitrattaw diga iddecidiet il-vertenza tal-kaz, johloq bazi ghar-rikuza anki fuq principji generali tal-amministrazzjoni tal-gustizzja*";

4. Illi l-estradant joggezzjona ghal din it-talba fuq il-premessi li ma ghandha ebda bazi fil-ligi tant li l-Avukat Generali ma jaghmel ebda referenza ghal-xi artikolu tal-ligi kif ukoll illi fit-termini tal-artikolu 739 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tali talba hija inproponibbli;

5. Illi fis-sottomissjonijiet dwar din it-talba, l-Avukat Generali ghamel referenza ghall-artikolu 734(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligiijet ta' Malta. Jokkorri, izda, li jkun *in primis* diskuss l-artikolu 739 tal-Kap 12 invokat mill-estradant fejn tajjeb li jkun osservat illi l-artikolu 734 tal-Kapitolu 12 huwa rez applikabbli ghall-Qorti Kriminali bis-sahha tal-artikolu 446(2) tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 739 tal-Kap 12 jipprovdi hekk:

> **739. Ma tistax tingħata l-eċċezzjoni ta' rikuża ta' mħallef meta r-rikużant, jekk ikun l-attur, ikun ġa fisser it-talba tiegħu fis-smigħ tal-kawża, jew, jekk ikun il-konvenut, ikun ġa ta l-eċċezzjonijiet tiegħu, kemm-il darba r-raġuni tar-rikuża ma tkunx inqalgħet wara, jew ir-rikużant, jew l-avukat tiegħu, ma jiddikjarax bil-ġurament li ma kienx jaf b'dik ir-raġuni jew li ma ndunax b'dik ir-raġuni fiż-żmien li jmiss.**

6. Illi huwa palezi li fl-udjenza tal-25 ta' Lulju, 2025 il-Qorti bdiet taqra s-sentenza fil-mertu b'dan illi mal-ewwel zewg linji moqrija l-avukati mill-Ufficcju tal-Avukat Generali jibdu l-attenzjoni tal-Qorti li l-udjenza kienet intiza ghas-sottomissjonijiet finali dwar l-appell. Il-Qorti rat illi dan huwa minnu u ghalhekk waqfet milli tissokta bil-prolazzjoni tas-sentenza u stiednet lill-partijiet allura sabiex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom. Fil-fatt, iz-zewg partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom u l-appell thalla ghas-sentenza. Applikat l-artikolu 739 tal-Kapitolu 12 invokat mill-appellat, ifisser illi l-eccezzjoni tar-rikuza hija wahda rritwali la darba maghmula wara li saru s-sottomissjonijiet mill-partijiet. Ghandu jkun palezi bejn il-partijiet illi l-Qorti halliet f'idejn il-partijiet sabiex jghazlu jghamlu s-sottomissjonijiet taghhom jew le wara l-bidu tal-qari tas-sentenza u t-tnejn ghazlu li jipprocedu;

7. Ghalhekk, mistharreg dan l-incident mill-ottika tal-artikolu 739 tal-Kapitolu 12, l-appellat ghandu ragun fl-oggezzjoni tieghu;

8. Illi anke li ma kienx ghall-ostakolu ravvizat fl-artikolu 739 l-Qorti hi tal-fehma li ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja dan l-incident ikun ukoll mistharreg fuq il-bazi tal-artikolu invokat mill-Avukat Generali, liema artikolu jipprovdi hekk:

> **734 (1) L-imħallef jista' jiġi rrikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod fil-kawża –**

**…/….**

**(d) (i) jekk ikun ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha,**

9. Illi anke minn dan l-aspett, t-talba tal-Avukat Generali hija destinata li tfalli minnufih. Dan ghaliex, apparti l-allegazzjoni serja u inopportuna intiza bl-invokazzjoni ta' dan l-artikolu, mhux biss ma tressqet ebda prova jew hjiel ta' almenu wahda minn dawn l-istanzi talli kien ikun l-istess sottofirmat illi jastjeni ruhu f'agir anke remotament konsimili ma' wahda minn l-istess istanzi. Dan l-artikolu ghalhekk huwa inapplikabbli ghall-kwistjoni odjerna;

10. Illi din il-Qorti tqis ukoll illi din it-talba ghandha tkun mistharrga minn kull aspett inkluz dak tal-gustizzja naturali fejn allura anke jekk hemm xi raguni li mhix indikata fl-artikolu 734 tal-Kap 12 jew fl-artikoli relevanti tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tkun sollevata u debitament deciza f'sentenza jew abbracjata sabiex gudikant jastjeni ruhu. Kif gia osservat, l-Imhallef sottofirmat lahaq qara biss ghall-massimu zewg linji tas-sentenza u ddikjara fil-miftuh illi qed ihalli l-appell ghas-sentenza wara li semgha s-sottomissjonijiet tal-partijiet. Issa, fis-sottomissjonijiet dwar it-talba ghar-rikuza, l-appellat osserva illi l--partijiet ma qalu xejn gdid minn dak li inghad fir-rikors tal-appell, fir-risposta tieghu u f'dak kollu li kien ilu jinghad f'dan l-appell quddiem din il-Qorti. Il-Qorti mhix ser tinoltra dwar dan ghaliex thoss li mhux ta' siwi ghall-kwistjoni hawn devoluta;

11. Il-Qorti semghet ukoll l-osservazzjoni tal-Avukat Generali dwar id-dritt ta' smiegh xieraq u ezaminat ukoll il-gurisprudenza invokata b'dan illi ma tarax kif din setghet kienet ta' siwi fit-talba ghar-rikuza f'dan l-appell. Il-Qorti, izda, taghmel referenza ghall-aktar sentenza ricenti fuq din il-materja fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Yorgen Fenech moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Lulju, 2025. Ghall kull buon fini ikun osservat illi l-Imhallef sottofirmat kien wiehed mill-Imhallfin komponenti dik il-Qorti. Dik is-sentenza ghandha bhala sfond talba ghal-rikuza tal-Prim Imhallef presjedenti l-Qorti tal-Appell Kriminali wara li l-appellant f'dik il-kawza osserva illi f-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, ukoll preseduta mill-Prim Imhallef fost tlett Imhallfin, saret dikjarazzjoni *obiter* dwar rikors ghall-proceduri ta' natura kostituzzjonali bil-ghan ta' delungar. Fl-appell kriminali fl-ismijiet appena indikata, l-Avukat Generali kien wiegeb ghall-appell tal-akkuzat appellant billi rrimarka li dak l-appell sar bil-ghan li l-kawza titwal inutilment u ghalhekk l-appellant hass li ghandu jaghmel talba ghar-rikuza tal-Prim Imhallef minhabba l-pronunzjament dwar delungar fil-kawza kostituzzjonali ukoll mressqa mill-istess akkuzat. Il-Qorti cahdet it-talba ghaliex ma kienetx gustifikata;

12. Kwantu dak li jallega l-Avukat Generali fis-sottomissjoniet tieghu li l-ligi mhix cara u ghalhekk tehtieg interpretazzjoni anke ghaliex dan jista' jilledi l-jedd ta' smiegh xieraq kif sancit fil-Kostituzzjonali u fil-Konvenzjoni, ssir referenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) dwar referenza kostituzzjonali fil-

kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Apap et (Ref 117/2018) tat-28 ta' Mejju, 2018**. F'din is-sentenza, l-Avukat Generali kien wiegeb li l-artikolu 734 tal-Kap 12 huwa car u mhux minnu li l-parametri tieghu twessghu bid-decizjonijiet kostituzzjonali u dawk konvenzjonali tant illi li kieku kien hekk il-legislatur stess kien jemenda l-ligi:

13. Intqal hekk f'dik is-sentenza, u din il-Qorti tqis li din hija siewja ghar-rizoluzzjoni tal-kwistjoni hawn devoluta:

> **L-Avukat Generali wiegeb li l-ebda dritt garantit mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jew mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma gie mittiefsa bic-cahda tattalba ghar-rikuza tal-Magistrat sedenti.**
>
> **..../....**
>
> **Il-ligi timponi l-obbligu fuq il-gudikant li joqghod f'kull kawza li tigi lilu assenjata skond il-ligi u li jastjeni jew jilqa' l-eccezzjoni tar-rikuza fil-kazijiet biss fejn ikun legalment gustifikat li huwa ma jkomplix jiehu konjizzjoni ta' dik il-kawza. Ghalhekk gudikant ghandu jastjeni biss f'dawk il-kazi fejn l-astensjoni tkun verament mehtiega fl-interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja. L-astenzjoni hi necessarja biex tassikura l-fiducja pubblika fl-amministrazzjoni tal-gustizzja u dana l-istitut m'ghandux jigi strumentalizzat biex processi jigu sabotati jew biex isir forum shopping (E.T. Rev. Mons. Arcisqof Giuseppe Mercieca pro et noe vs Onor. Prim Ministru noe et, Kost 22/10/1984)**

14. Illi ukoll fil-kaz odjern, il-Qorti tqis illi t-talba mhix gustifikata la darba l-Qorti ma pronunzjatx ruhha billi s-sentenza ma kienitx ghadha prolatata u ddiferiet l-appell ghas-sentenza mill-gdid sabiex tiehu konjizzjoni tal-osservazzjonijiet maghmulha mill-partijiet liema talba tista' titqies frivola fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz;

15. Ghal dawn ir-ragunijiet qed tichad it-talba tal-Avukat Generali ghar-rikuza tal-Imhallef li qed jippresjedi dan l-appell.

Giovanni Grixti
Imhallef

Christianne Borg
Deputat Registratur